**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 28 ta' Gunju, 2017

Rikors Guramentat numru : 117/16 AL

**A B**

**vs.**

**1. L-Avukat Dr Martin Fenech u l-PL Gerald Bonello b'digriet tat-8 ta' Gunju 2016 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw lil C H**
**2. Direttur tar-Registur Pubbliku**
**3. u b'digriet tat-8 ta' Gunju 2016 l-Avukat Dr Joseph Ellis u il-PL Nicolette Aquilina gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw il-minuri D R H**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. **ILLI** fit-tmienja (8) ta' Frar elfejn u sittax (2016) twieldet lill esponenti l-minuri D R H , u dana kif jirrizulta mill-Att tat-

Twelid hawn anness u markat bhala Dok. AP 1, u dan minn relazzjoni unika illi r-rikorrenti kellha ma' terz mhux maghruf;

2. **ILLI** l-persuna indikata bħala l-missier fuq ċ-ċertifikat tat-twelid anness, ossija C H, ma huwiex magħruf jekk dana għadux residenti hawn Malta bħal ma jidher mid-dikarazzjoni ġuramentata ta' l-esponenti u xi xhieda oħra magħmula quddiem il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Notarili;

3. **ILLI** di piu, l-esponenti ilha ċirka sentejn (2) ma tara jew tisma mingħand l-imsemmi C H;

4. **ILLI** l-minuri giet registrata fir-Registru Pubbliku mill-intimata u fuq Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 2108 tas-sena 2016, fil-kolonna indikattiva ta' missier it-tarbija hemm id-dettalji ta' l-intimat C H;

5. **ILLI** r-rikorrenti ghandha interess illi l-intimat C H ma jibqax jidher bhala missier il-minuri D R H peress illi ma hijiex il-wild naturC tieghu;

Talbet ghalhekk li l-intimati jew min minnhom, ghar-ragunijiet suesposti, jghidu ghCex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. **Tiddeciedi** u **Tiddikjara** li l-minuri D R H ma hijiex il-wild naturC tal-intimat C H.

2. **Tordna** lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri D R H, numru ta' iskrizzjoni 2108 tas-sena 2016, jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-Att hemm referenza ghall-konnotati ta' missier it-tarbija, dana jigi sostitwit bil-kliem 'missier mhux maghruf';

l-intimati huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa : fol 36

1. Illi l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl- **Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri D, kellha relazzjoni extra-maritC;

3. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legC maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri D ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha li jġib in-numru ta' skrizzjoni 2108 tas-sena 2016;

4. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, jekk jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri D R H, illi r-rikorrenti A B tispeċifika min huwa l-isem eżatt tal-missier naturC ħalli b'hekk dan ikun jista' jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni ta' l-**Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.** Di fatti huwa opportun u xieraq li l-minuri D R H, tal-inqas għandha tkun taf min huwa l-missier naturC tagħha;

5. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri D R H a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

6. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li tintlaqa' ir-raba' eċċezzjoni ta' l-esponent, l-esponent jinvita lill-missier naturC

tal-minuri D R H sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personC kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieldet il-minuri D R H, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet it-tifla D R H. TC informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita D R H bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 2108 tas-sena 2016;

7. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem C H, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 2108 tas-sena 2016;

8. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr Martin Fenech u il-PL Gerald Bonello, li permezz taghha eccepew : fol. 41

1. Illi r-rikorrenti trid tipprova lill-Qorti li C H mhuwiex il-missier naturC tal-minuri D R H;

2. Illi jekk l-intimat qatt ma kien il-missiser naturC tal-minuri r-rikorrenti trid tispjega ghalfejn irregistrat il-minuri fuq l-intimat meta skont hi lanqas kien Malta;
3. Illi l-esponenti bir-rispett jitlob illi din il-kawza tigi deciza kontra r-rikorrenti ghax ma hemmx bizzejjed provi ta' dak li qieghed jintqal u jigi ddikjarat;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Martin Fenech u il-PL Gerald Bonello;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr Joseph Ellis u il-PL Nicolette Aquilina, li permezz taghha eccepew : fol. 43

1. Illi huma, fil-kwCta' taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw il-minuri D R H, mhumiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina il-kawza u ghaldaqstant jirrizervaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem;
2. Salv eccezzjonijeit ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Joseph Ellis u il-PL Nicolette Aquilina;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr Joseph Ellis u il-PL Nicolette Aquilina, li permezz taghha eccepew : fol. 49

1. Illi fl-ewwel lok, in-nuqqas ta' interess guridiku tal-attrici sabiex tintavola dina il-kawza;
2. Illi fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti noe joggezzjonaw ghat-talbiet attrici ghCex dawn iservu biss sabiex iccahhdu lill-minuri D R H mic-certezza dwar l-istatus legC taghha u ghaldaqstant, imorru kontra l-interess tal-imsemmija minorenni;
3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni kkontemplata mill-attrici m'hijiex ammissibbli fil-Kodici Civili u senjatament l-Artiklu 77B tal-Kap. 16 u anke in vista tal-fatt illi l-missier naturC, allegatament injot, m'huwiex parti f'dina il-kawza. Ghaldaqstant, ma tistax tirnexxi;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Joseph Ellis u il-PL Nicolette Aquilina;

Rat l-affidavit[1] tal-**attriċi**, kif ukoll tax-xhieda minnha prodotti u cioe ommha Carmen B[2] u Michelle Aquilina[3] minn fejn jirriżultaw is-segwenti fatti:

L-attriċi A B hija omm ta' tliet ulied:
Joshua Vella li llum għandu sitta u ghoxrin sena u huwa wkoll missier ta' tifla jisimha Aisha li għandha sentejn. Missier Joshua kien jabbuża minn sustanzi lleċiti u nstab mejjet fil-kamra tal-banju;
Kareem Ouled El Hadj ta' wiehed u ghoxrin sena. Missieru li kien miżżewweġ lill-attriċi, kien ta' nazzjonCta` Tuneżina. Huwa kellu inċident tat-traffiku fi Franza u miet;
il-minuri D R H imwielda lill-attriċi nhar it-8 ta' Frar 2016[4] u mertu ta' din il-kawża. Il-minuri hija rreġistrata bħal bint C H, qua żewġ ommha u għalhekk hija magħrufa bil-kunjom H.

F'żgħożitha l-attriċi kienet tabbuża mis-sustanzi lleċiti, iżda hija għamlet il-programm residenzjC f'San Blas u ma baqgħetx tuża l-istess sustanzi. Hija kienet qed tgħix ħajja kwieta sakemm rabbiet lil uliedha, llum maġġorenni; Il-problemi reġgħu feġġu fl-2013. Ċirka l-2013, hija żżewġet raġel Libyan jismu C H, fi żmien meta hija kienet għaddejja minn dipressjoni qawwija. Għexu flimkien f'Buġibba għal madwar sena, u dan wara xi sena telaq, fejn hi la ratu iżjed u lanqas taf fejn qiegħed u jekk huwiex ħaj jew mejjet. L-attriċi reġgħet waqgħet għal-vizzji tax-xorb u tad-droga. Bdiet toħroġ Paceville u tkun laxka ħafna, tagħmel iljieli barra tiltaqa' ma' dak u mal-ieħor... *"u nagħmel ħafna aktar minn hekk imma nibża li nista' ninkrimina ruħi jekk nispeċifika b'aktar dettall."* Meta ma ġihiex il-*period*, għamlet it-test fejn skopriet li kienet tqila. Kellha amment li ftit qabel kienet marret ma' raġel ta' karnaġġjon skur u kellhom x'jaqsmu sesswalment. X'aktarx it-tarbija kienet tiegħu. *"Jien kont mort Paceville, xrobt u mort ma' wieħed iswed u ħriġt tqila. Dan l-*

[1] Fol. 54 tal-proċess
[2] Fol. 58
[3] Fol. 57
[4] Iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri jinsab esebit, fol. 4.

*iswed, x'jismu ma nafx. Jiena miniex imdorrija nagħmel hekk imma dik id-darba ġiet hekk. Imma min hu dan ir-raġel jien ma nafx. Tlajna ħdejn il-baħar jien u dan l-iswed, u morna flimkien." "Ngħid li dan ma nafx min hu u jkolli narah lanqas biss ngħarfu. Ngħid li din kienet ħaġa ta' darba li kelli x'naqsam miegħu sesswalment u kont iltqajt miegħu dakinhar stess. Qatt ma rajtu wara."* In vista tat-tqala, reġgħet issettjat ħajjitha u ma baqgħetx tixrob u tieħu sustanzi lleċiti. Bdiet tattendi d-detox regolarment fejn jinsabu kuntenti bil-progress tagħha.

*"Jien naċċerta lill-Qorti illi fit-300 jum qabel it-twelid tat-tarbija D R, żgur ma kellix x'naqsam ma' żewġi C H għax kif għidt jien, kien ili ma narah madwar sentejn."*[5] Fl-istess ġurnata Michelle Aquilina, s-sieħba tat-tifel tal-attriċi, xehdet *"Niftakar li għamlet żmien tgħix ma' C Hasuna u kienu jgħidu li miżżewġin. Dan C Hasuna, pero` ma baqax magħha u jien ili ma narah fuq sena u nofs żgur."*

L-istess Aquilina xehdet ukoll bl-affidavit fejn hija spjegat illi darba minnhom hija u s-sieħeb tagħha Joshua Vella, li jiġi iben l-attriċi, kienu ferm sorpriżi meta l-attriċi qaltilhom illi kienet tqila. Hija kienet taf li l-attriċi kienet reġgħet waqgħet għall-vizzji tax-xorb u d-droga u kienet qed tirritorna d-dar kważi mejta fis-sakra. L-attriċi spjegatilhom, li kellha x'taqsam ma' raġel ta' karnaġġjon skur li lanqas biss kienet taf min kien. Ix-xhud tħoss li dan kien possibbli għCex hi u Joshua kienu qed jistennew li jsibuha mejta x'imkien fl-istat li kienet tkun meta tmur lura d-dar. Lil ommha, Carmen B, wkoll qaltilha li marret ma' wieħed ta' karnaġġjon skur għal *one night stand* u kien ħariġha tqila. Qaltilha li ma tafx min hu għCex ma kinitx fi stat li tiftakar min kien.

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

[5] Xhieda tal-attriċi mogħtija quddiem l-Imħallef Emeritus Dottor Joseph Galea Debono, fl-10 ta' Marzu 2016.

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mill-**omm** għaċ-ċaħda tal-paternita` tal-konvenut assenti C H versu l-minuri D R H. L-attriċi tikkontendi li minkejja li l-minuri tnisslet u twieldet matul iż-żwieġ tagħha mal-konvenut, din m'hijiex il-wild naturC u bijoloġiku tal-konvenut, iżda minħabba l-preżunzjonijiet legC naxxenti mil-liġi, partikolarment l-Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili[6] l-istess minuri ġiet imniżżla bħala bintu. Għalhekk permezz ta' din il-kawża, qiegħda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li C Hasouni mhux il-missier naturC tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha billi l-konnotati tiegħu jiġu kanċellati minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri D R u jiġu sostitwiti bil-kliem "missier mhux magħruf".

Illi l-kawża odjerna, in vista li ġiet intavola mill-__**omm**__ ("kull min ikollu interess") u mhux minn żewġha, u in vista wkoll li l-minuri ġiet imnissla fiż-żmien meta l-istess omm kienet miżżewġa lill-konvenut assenti Hasouni, tikkwCfika bħala waħda msejsa fuq l-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili. Illi l-attriċi ressqet it-talba tagħha fi żmien tliet xhur mit-twelid tat-tarbija sabiex issodisfat ir-rekwiżit tal-Artikolu 77Ċ tal-Kodiċi Ċivili illi jesiġi li azzjoni bħal din odjerna ssir fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-minuri.

__Fil-mertu__, jirriżulta illi fil-każ odjern il-Qorti ma tistax isserraħ fuq iċ-ċertezza tat-testijiet ġenetiċi illi jistabilixxu jekk il-minuri hijiex il-bint tal-konvenut assenti H o meno. L-istess testijiet ma sarux u ma jistgħux jiġu ordnati mill-Qorti a tenur tal-Artikolu 70A tal-Kodiċi Ċivili in vista li mhux magħruf fejn jinsab il-konvenut, lanqas huwa magħruf jekk għadux hawn Malta, u fil-fatt qiegħed jiġi rappreżentat f'dawn il-proċeduri mill-kuraturi deputati.

Illi l-artikolu 77 jistipula kif ġej:

***77. Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess:***

---

[6] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

***(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-impossibilità fiżika li jgħammar ma'martu minħabba f'li kien bogħod minnha jew minħabba f'xi aċċident ieħor; jew***
***(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel bħala l-missier naturC tat-tifel.***

Illi għaldaqstant jirriżulta illi biex tirnexxi l-azzjoni tal-attriċi hija trid sodisfaċentement tipprova illi fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri D R hija kellha relazzjoni extra-maritC;

Issir referenza għall-affidavit tal-attriċi[7] kif ukoll għax-xiehda li hija tat quddiem l-Imħallef Emeritus Dr. Joseph Galea Debono nhar l-10 ta' Marzu 2016[8]. Illi mill-istil ta' ħajja li kienet qed tgħix l-attriċi meta nqabdet tqila, il-Qorti ma ssibhiex diffiċli biex temmen li l-attriċi kellha relazzjonijiet intimi ma' terzi, kif stqarret hija stess. Il-fatt li hija malli rreġistrat it-tifla bdiet tinsisti li ma kinitx bint żewġha, huwa aspett ieħor li jwassal lill-Qorti biex temmen, fin-nuqqas tal-provi konkreti tat-testijiet ġenetiċi, li l-minuri D R m'hijiex bint C H.

Il-Qorti taqbel mad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi jkun fl-aħjar interess tal-minuri li tkun taf min hu missierha. L-attriċi tinsisti li hija ma tafx għCex ma kinitx fi stat li tiftakar. Minkejja dan, u minkejja li hija xehdet li kienet qed tgħix ħajja laxka u tiltaqa' ma' diversi rġiel, malli sabet li kienet tqila, mill-ewwel is-suspett tagħha kien fir-raġel ta' karnaġġjon skur u dan qabel ma rat lit-tarbija u rat il-karnaġġjon tagħha, li allura l-Qorti tifhem li huwa wieħed skur. Illi għalhekk il-Qorti m'hi xejn konvinta li l-attriċi ma tafx min hu missier it-tarbija u għalhekk tissolleċitaha biex jekk hija taf jew issir taf min huwa missier D R taġixxi fl-aħjar interess tat-tifla u tagħmel dak li huwa neċessarju biex iċ-ċertifikat tat-twelid tagħha ikun jirrifletti din il-verita` u biex il-minuri tkun magħquda ma' missierha.

---

[7] Fol. 54
[8] Fol. 5

Il-Qorti pero` hija konvinta sal-grad li tirrikjedi l-liġi illi l-minuri m'hijiex bint C H, żewġ l-attriċi, u li għalhekk li  t-talbiet attriċi għandhom jiġu milqugħa.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-Kuraturi Deputati kif ġej:

1. Tiddikjara illi l-minuri D R mwielda lill-attriċi nhar it-8 ta' Frar 2016, m'hijiex il-wild naturC u bijoloġiku ta' żewġ l-attriċi C H;

2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-istess D R, jikkanċella l-konnotati kollha ta' C H bħala l-missier u minflok jinserixxi il-kliem "missier mhux magħruf";

3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-istess att tat-twelid ta' D R, jikkanċella il-kliem "the said" mill-konnotati tal-omm;

4. Tordna illi l-minuri tkun magħrufa bil-kunjom B;

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi A B.